31999R0805

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 805/1999

tas-16 ta' April 1999

li jistabbilixxi ċerti miżuri għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 dwar il-politika tal-kapaċità tal-flotta Komunitarja biex tippromwovi t-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 718/1999 tad-29 ta' Marzu 1999 dwar il-politika tal-kapaċità tal-flotta Komunitarja biex tippromwovi t-trasport fuq il-passaġġi ta' l-ilma interni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) tiegħu,

Billi, skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 718/1999, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tal-kapaċità tal-flotta Komunitarja kif definita fir-Regolament fuq imsemmi;

Billi huwa konsiljabbli li jinżammu r-rati kontributorji speċjali u t-tunellaġġi ekwivalenti stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1102/89 ([2]) kif l-aħħar emendati bir-Regolament (KE) Nru 241/97 ([3]), u (KE) Nru 241/97 billi dawn urew li huma effettivi;

Billi huwa konsiljabbli li jiġu aġġustati d-diversi proporzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 718/1999 skond ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2812/94 ([4]) fil-każ ta' vapuri *tankers*, (KE) Nru 2310/96 ([5]) fil-każ ta' laneċ ta' rmonk u (KE) Nru 742/98 ([6]) fil-każ ta' bastimenti li jġorru merkanzija xotta;

Billi, sabiex jiġi żgurat appoġġ finanzjarju reċiproku bejn il-fondi tal-passaġġi fuq l-ilma interni, huwa konsiljabbli għall-Kummissjoni, bil-għajnuna tad-diversi awtoritajiet tal-fondi, fil-bidu ta' kull sena, li jdaħħlu fil-kontijiet ir-riżorsi disponibbli fil-fond tar-riserva u jibbilanċjaw il-kontijiet fil-każ ta' miżuri ta' titjib;

Billi l-Istati Membri konċernati u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw it-trasportaturi tal-passaġġi fuq l-ilma interni fuq livell Komunitarju ġew konsultati dwar il-miżuri stabbiliti minn dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Dan ir-Regolament jiffissa r-rata tal-kontribuzzjonijiet reċiproċi msemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 718/1999, il-proporzjonijiet għar-regola "qadim għall-ġdid", u l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tal-politika tal-kapaċità tal-flotta Komunitarja.

KONTRIBUZZJONIJIET SPEĊJALI

L-Artikolu 2

1. Il-kontribuzzjonijiet speċjali għad-diversi tipi u kategoriji ta' bastimenti għandhom ikunu bejn is-70 % u l-115 % tar-rati li ġejjin:

– Il-bastimenti li jġorru merkanzija xotta:

  – il-barkuni li jmexxu lilhom infushom: EUR 120 kull tunellata metrika,

  – il-barkuni li jiġu mbuttati: EUR 60 kull tunellata metrika,

  – iċ-ċattri EUR 43 kull tunellata metrika,

– it-*tankers*:

  – il-barkuni li jmexxu lilhom infushom: EUR 216 kull tunellata metrika,

  – il-barkuni li jiġu mbuttati: EUR 108 kull tunellata metrika,

  – iċ-ċattri EUR 39 kull tunellata metrika,

– il-laneċ ta' rmonk:

  EUR 180/kW b'żjieda lineari ta' EUR 240/kW fejn is-saħħa tal-mutur tkun ugwali jew aktar minn 1 000 kW.

2. – Fil-każ ta' bastimenti b'kapaċità piż mejjet ta' anqas minn 450 tunellata metrika, ir-rati massimi għall-kontribuzzjonijiet speċjali stabbiliti fil-paragrafu 1 jitnaqqsu bi 30 %.

([1]) ĠU L 90, tat-2.4.1999, p. 1.
([2]) ĠU L 116, tat-28.4.1989, p. 30.
([3]) ĠU L 40, tal-11.2.1997, p. 11.
([4]) ĠU L 298, tad-19.11.1994, p. 22.
([5]) ĠU L 313, tat-3.12.1996, p. 8.
([6]) ĠU L 103, tat-3.4.1998, p. 3.

– Fil-każ ta' bastimenti tal-kapaċità piż mejjet bejn l-450 u s-650 tunellata metrika, ir-rati massimi għall-kontribuzzjonijiet speċjali għandhom jitnaqqsu b'0,15 % għal kull tunellata metrika li bihom il-kapaċità tal-volum tal-bastiment tkun anqas minn 650 tunellata metrika.

– Fil-każ ta' bastimenti b'kapaċità piż mejjet ta' bejn is-650 u l-1 650 tunellata metrika, ir-rati massimi għall-kontribuzzjonijiet speċjali għandhom jindikaw żjieda lineari minn 100 % sa 115 %. Fil-każ ta' bastimenti b'kapaċità piż mejjet ta' aktar minn 1 650 tunellata metrika, ir-rati massimi għall-kontribuzzjonijiet speċjali għandhom jibqgħu ta' 115 %.

3. Il-kontribuzzjonijiet speċjali, mogħtija f'euro, għandhom jiġu konvertiti fil-muniti tal-fondi relevanti skond ir-rati bejn l-euro u l-muniti ta' l-Istati Membri li jadottaw l-euro kif stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2866/98 ([1]).

TUNELLAĠĠ EKWIVALENTI

L-Artikolu 3

1. Meta sid ta' bastiment idaħħal għas-servizz wieħed mill-bastimenti msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 718/99 u jippreżenta għar-rimi bastiment jew bastimenti ta' tip ieħor, it-tunellaġġ ekwivalenti li jitiqies għandu jiġi stabbilit, f'kull waħda miż-żewġ kategoriji indikati hawn taħt, skond il-koeffiċjenti ta' l-aġġustament li ġejjin:

– Bastimenti li jġorru merkanzija xotta:

  – barkuni ta' aktar minn 650 tunellata metrika li jmexxu lilhom infushom: 1,00,

  – barkuni ta' aktar minn 650 tunellata metrika li jiġu mbuttati: 0,50,

  – ċattri ta' aktar minn 650 tunellata metrika: 0,36.

– *Tankers*:

  – barkuni ta' aktar minn 650 tunellata metrika li jmexxu lilhom infushom: 1,00,

  – barkuni ta' iktar minn 650 tunellata metrika li jiġu mbuttati: 0,50,

  – ċattri ta' aktar minn 650 tunellata metrika: 0,18.

2. Fil-każ ta' bastimenti b'kapaċità piż mejjet ta' anqas minn 450 tunellata metrika, il-koeffiċjenti stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom jitnaqqsu bi 30 %. Fil-każ ta' bastimenti tal-kapaċitcà piż mejjet ta' bejn is-650 u l-450 tunellata metrika, dawn il-koeffiċjenti għandhom jitnaqqsu b'0,15 % għal kull tunellata metrika li bihom il-kapaċità ta' volum tal-bastiment tkun anqas minn 650 tunellata metrika. Fil-każ ta' bastimenti b'kapaċità piż mejjet ta' bejn 650 u 1 650 tunellata metrika, il-koeffiċjenti għandhom jindikaw żjieda lineari minn 100 % għal 115 %.

([1]) ĠU L 359, tal-31.12.1998, p. 1.

PROPORZJONIJIET TA' "QADIM GĦALL-ĠDID"

L-Artikolu 4

Mid-29 ta' April 1999, id-dħul fis-servizz ta' bastimenti għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 718/1999.

(1) Fil-każ ta' trasportaturi ta' merkanzija xotta, il-proporzjon (bejn it-tunellaġġ il-qadim u t-tunellaġġ il-ġdid) għandu jkun ta' 1:1.

(2) Fil-każ ta' *tankers*, il-proporzjon għandu jkun ta' 1,30:1.

(3) Fil-każ ta' laneċ ta' rmonk, il-proporzjon għandu jkun ta' 0.75:1.

L-APPOĠĠ FINANZJARJU REĊIPROKU

L-Artikolu 5

1. Bil-għan li jiddaħħlu fil-kontijiet ir-riżorsi disponibbli fil-fond tar-riserva jew biex jiġu operati l-arranġamenti ta' appoġġ reċiproku finanzjarju bejn il-kontijiet u d-diversi fondi kif mitlub mill-Artikolu 3(6) tar-Regolament (KE) Nru 718/1999, kull fond għandu jikkomunika din l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni fil-bidu ta' kull sena.

– id-dħul tal-fond fis-sena ta' qabel, safejn dawn il-flus irċevuti jkunu intiżi għall-ħlas ta' *premiums* għar-rimi jew għal miżuri provduti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 718/1999 (R_{dn}),

– l-obbligi finanzjarji li jkun daħal għalihom il-fond matul is-sena ta' qabel dwar il-*premiums* tar-rimi jew il-miżuri provduti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 718/1999 (P_n),

– iż-żejjed tal-fond fl-1 ta' Jannar tas-sena ta' qabel derivat minn flus riċevuti li jkunu intiżi għall-ħlas ta' *premiums* għar-rimi jew għall-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 718/1999) (S_n).

2. Il-Kummissjoni, bl-għajnuna ta' l-awtoritajiet tal-fond, għandha tiffissa, bis-saħħa ta' l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1:

– l-obbligi finanzjarji li jkun daħal għalihom il-fond matul is-sena ta' qabel dwar il-*premiums* ta' l-iskrappjar jew il-miżuri provduti fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 718/1999 (P_t),

– it-total tal-flus riċevuti mill-fondi kollha matul is-sena ta' qabel (R_{dt}),

– it-total ta' l-eċċess tal-fondi kollha fl-1 ta' Jannar tas-sena ta' qabel (S_t),

– l-obbligi finanzjarji annwali aġġustati ta' kull fond (P_{nn}), kalkulati kif ġej:

$$P_{nn} = \frac{P_t}{(R_{dt} + S_t)} \times (R_{dn} + S_n)$$

– għal kull fond, id-differenza bejn l-obbligi finanzjarji annwali (P_n) u l-obbligi annwali finanzjarji aġġustati (P_{nn}),

– l-ammonti li kull fond, li l-obbligi annwali tiegħu jkunu anqas mill-obbligi finanzjarji annwali aġġustati ($P_n < P_{nn}$) jittrasferixxi lil fond b'obbligi finanzjarji annwali akbar mill-obbligi annwali aġġustati ($P_n > P_{nn}$).

3. Kull wieħed mill-fondi involuti għandu jittrasferixxi l-ammonti msemmija fis-sitt inċiż tal-paragrafu 2 lill-fondi l-oħra sal-1 ta' Marzu tas-sena kurrenti.

KONSULTAZZJONI

L-Artikolu 6

Dwar il-materji kollha li għandhom x'jaqsmu mal-politika tal-kapaċità tal-flotta Komunitarja kif ukoll ma' l-emendi għal dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni ta' grupp magħmul minn esperti mill-organizzazzjonijiet professjonali li jirrappreżentaw it-trasportaturi tal-passaġġi ta' l-ilma interni fuq livell Komunitarju u l-Istati Membri konċernati. Dan il-grupp għandu jkun magħruf bħala "Il-Grupp ta' l-Esperti dwar il-Politika għall-Kapaċità u l-Promozzjoni tal-Flotot Komunitarji".

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

L-Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 1999.

Ir-Regolament (KEE) Nru 1102/89 qiegħed hawnhekk jiġi mħassar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' April 1999.

Għall-Kummissjoni

Neil KINNOCK

Membru tal-Kummissjoni